**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru: 694/2004 MLF**

**Il-Perit Philip u Louisa konjugi Grech**

**vs**

**Emanuel u Maria Dolores sive Doris konjugi Pisani u Christian u Maria konjugi Pisani**

Il-Qorti

1. Rat l-avviz ta' l-atturi li permezz tieghu talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jirrifondu lill-atturi s-somma ta' tliet elef hames mija u sitta u sebghin lira Maltija (LM3576) minnhom imhallsa lil Pierre George u Anna konjugi Grech, u dan in kwantu ghal LM2980 rapprezentanti ammont zejjed lilhom imhallas mill-imsemmija Pierre George u Anna konjugi Grech ghal xoghol minnhom ezegwit fuq inkarigu tal-istess konjugi Grech fuq il-fond taghhom El Sheddai, B'Kara Road, Attard u inkwantu ghal LM596 imghax fuq l-istess ammont, liema hlas mill-atturi sar lill-imsemmija konjugi Grech wara azzjoni gudizzjarja inizjata mill-istess konjugi Grech kontra l-atturi u skond

skrittura ta' transazzjoni bejn l-istess konjugi Grech u l-atturi, li kopja taghha giet annessa Dok. A.

Bl-imghax legali mill-15 ta' Dicembru 2004, data tal-imsemmija skrittura fuq l-imsemmi ammont ta' Lm3576 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

   i. Illi, fl-ewwel lok, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi l-atturi gew azzjonati bhala debituri mill-konjugi Pierre George u Anna konjugi Grech ghall-hlas lura ta' l-ammont li qed jinghad li thallas zejjed lill-istess eccipjenti (Citazzjoni 142/03/GC), u ghalhekk ma setax ikun il-kaz skond il-ligi li l-atturi bhala debituri huma nfushom jigu "surrogati" fid-drittijiet ta' haddiehor meta ex admissis gew konsiderati li huma debituri tal-konjugi Pierre George u Anna Grech, u mhux it-terz li jeffetwa pagament b'surroga kif kontemplat fil-ligi.

   ii. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

   iii. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, jinghad li l-eccipjenti thallsu dak li kellu jithallas lilhom ghax-xoghol minnhom ezegwit, salv il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tal-konjugi Pierre George u Anna konjugi Grech skond l-ittra ufficjali taghhom datata l-5 ta' Awwissu, 2003.

3. Rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-5 ta' Novembru 2007, fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti, bl-ispejjez riservati.[1]

4. Semghet ix-xhieda, u rat id-dokument u l-atti kollhaipprezentati.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri taghhom.

[1] Ara s-sentenza tal-5 ta' Novembru 2007 a *fol.* 71 tal-process.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Fit-8 ta' Novembru 1999, il-konvenuti Christian Pisani u Emmanuel Pisani kienu gew inkarigati minn Pierre George u Anna konjugi Grech sabiex jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni f'sit gewwa H'Attard propjeta' tal-imsemmija konjugi Grech. Il-konjugi Grech kienu nkarigaw ukoll lill-attur il-perit Philip Grech sabiex jissorvelja dawn ix-xogholijiet u jaghti struzzjonijiet lill-konvenuti sabiex il-binja ssir skond id-dizinji approvati.[2] Il-progett kien jikkonsisti fil-bini ta' *Detached villa with pool. Ground and first floors with underlying basement including garage.*[3]

ii. Wara li l-konvenuti kienu ikkompletaw il-kostruzzjoni tal-livell sotterran u l-livell terran, qamu diversi kwistjonijiet bejn Pierre George u Anna konjugi Grech u l-attur, fosthom ghaliex wara li l-konjugi Grech kienu inkarigaw perit iehor, u cioe' lill-perithilip Azzopardi, dan kien ikkonkluda li l-konjugi Grech kienu ghamlu hlasijiet zejda lill-konvenuti, li kienu saru xi xogholijiet zejda fil-binja u li parti mix-xogholijiet kienu saru b'mod hazin u ghalhekk mhux skond is-sengha u l-arti.

iii. B'konsegwenza ta' dan id-dizgwid, fit-12 ta' Gunju 2002 l-attur gharraf lill-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar li huwa ma kienx ghadu l-perit responsabbli mill-progett.[4]

iv. Sussegwentement, Pierre George u Anna konjugi Grech kienu intavolaw proceduri fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-konfront tal-partijiet kollha f'din il-kawza (Citazzjoni numru 146/03GC fl-ismijiet Pierre George Grech et vs Perit Philip Grech et), fejn talbu lil dik il-Qorti tikkundanna lill-partijiet f'din il-kawza jhallsuhom lura dawk il-hlasijiet zejda li huma kienu ghamlu, u wkoll sabiex ihallsuhom tal-hsarat kollha sofferti minnhom b'konsegwenza ta' dawn ix-xogholijiet.[5]

---

[2] Ara l-ftehim data 8 ta' Novembru 1999 a *fol.* 30 tal-process.
[3] Ara l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar a *fol.* 34 tal-process.
[4] Ara l-ittra datata 12 ta' Gunju 2002 a *fol.* 37 tal-process.
[5] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 26 ta' Mejju 2017 a *fol.* 192 tal-process.

v. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili hatret lill-perit tekniku Godwin Abela li kien hejja relazzjoni li kopja taghha giet esebita f'dawn il-proceduri mill-istess perit tekniku. Minn din ir-relazzjoni jirrizulta li fit-tieni konkluzjoni tieghu il-perit Godwin Abela kien ikkonluda hekk:

"*(ii) illi fl-opinjoni tieghu, fil-kejl li sar u fil-kontijiet li nhargu mill-konvenut Perit Philip Grech a bazi ta' dan il-kejl kien hemm hlas zejjed li ghamel l-attur li jammonta ghal Lm 2,036.56 fil-basement u Lm 316.07 ghall-ewwel sular; is-somma totali ta' Lm 2,352.63 trid tithallas lura lill-atturi kif ukoll id-dritt professjonali tal-perit fuq din is-somma;*"[6]

vi. Fil-mori ta' dawk il-proceduri u precizament fil-15 ta' Dicembru 2004, Pierre George u Anna konjugi Grech u l-atturi odjerni kienu lahqu ftehim li permezz tieghu l-atturi hallsu lill-konjugi Grech is-somma ta' Lm3,850 "*a saldu u sodisfazzjon totali ta' kull pretensjoni li huma ghandhom dwar hlas zejjed lill-kuntratturi, drittijiet professjonali lill-Perit Philip Grech u VAT relattiv u drittijiet professjonali u VAT relativ imhallsa lill-perit Philip Azzopardi, u imghax relativ*". In vista ta' dan il-hlas, Pierre u Anna konjugi Grech issurogaw lill-atturi odjerni u cioe' lill-perit Philip Grech u martu Louisa Grech, fid-drittijiet taghhom kollha kontra l-konvenuti.[7] In oltre, Pierre George u Anna konjugi Grech obbligaw ruhhom li jcedu u jirtiraw it-talba taghhom fil-kawza (Citazzjoni numru 146/03GC) relattiva ghal hlas lura tal-ammonti zejda mhallsa minnhom, xi haga li jirrizulta effettivament ghamlu.

vii. Gurnata wara li giet iffirmata din l-iskrittura, l-atturi intavolaw il-proceduri odjerni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u cioe dik tal-preskrizzjoni, giet michuda permezz ta' sentenza preliminari ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-5 ta' Novembru 2007, u fejn il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu. L-ispejjez in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni gew riservati ghal gudizzju finali.

[6] Ara r-relazzjoni tal-perit Godwin Abela a *fol.* 88 tal-process.
[7] Ara l-iskrittura datata 15 ta' Dicembru 2004 a *fol.* 2 tal-process.

8. Ghalhekk jifdal illi jigu trattati u decizi l-ewwel eccezzjoni preliminari u t-tielet eccezzjoni li tikkoncerna l-meritu.

*<u>L-Ewwel Eccezzjoni – Is-Surroga ma saritx skond il-ligi.</u>*

9. B'din l-ewwel eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jeccepixxu illi huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li jsostnu li ladarba l-atturi odjerni kienu huma nfushom konsidrati bhala debituri tal-ammont pretiz minn Pierre George u Anna konjugi Grech fil-kawza li dawn kienu intavolaw kontra l-partijiet kollha fil-proceduri odjerni, allura huma ma jistghux issa jitqiesu bhala t-terz li jaffetwa pagament b'surroga kif kontemplat fil-ligi.

10. Il-Qorti tibda billi tosserva illi permezz tal-proceduri odjerni l-atturi qeghdin jezercitaw id-dritt ta' rivalsa li jippretendu li ghandhom fil-konfront tal-konvenuti sabiex jirkupraw pagament maghmul minnhom lil Pierre u Anna konjugi Grech u dan ghab-bazi tal-fatt li l-atturi jikkontendu li dak il-pagament kellu jsir mill-konvenuti u mhux minnhom. L-atturi irnexxielhom jippruvaw permezz tal-iskrittura datata 15 ta' Dicembru 2004 esebita minnhom mal-att promotur illi effettivament huma ghamlu dan il-hlas. Fuq kollox, lanqas jidher li l-konvenuti qeghdin jikkontestaw il-fatt illi l-atturi hallsu dan l-ammont. Permezz tal-istess skrittura jirrizulta li l-atturi gew surrogati fid-drittijiet ta' Pierre u Anna konjugi Grech li assenjaw lill-atturi "*...drittijiet taghhom kollha li huma ghandhom jew jista' jkollhom kontra l-kuntratturi konvenuti l-ohra fic-citazzjoni, dwar il-hlas zejjed minnhom maghmul lill-istess kuntratturi kif qabel imsemmi u danni konsegwenzjali*".[8]

11. Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili jikkontempla erba' cirkostanzi li fihom is-surroga ssir *ipso jure* favur min ihallas id-dejn ta' wiehed iehor. Is-sub-inciz (c) ta' dan l-artikolu jiddisponi li s-surroga ssir *ipso jure* favur *"ta' dak li kien obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan is-sub-inciz huwa car u jipprovdi ghal cirkostanzi fejn,

[8] Ara l-iskrittura datata 15 ta' Dicembru 2004 a *fol.* 2 tal-process.

bhal ma gara f'dan il-kaz, debitur ta' obbligazzjoni ihallas dejn li kien dovut minnu flimkien ma debituri ohra ghaliex dak id-debitur li jeffetwa l-hlas ikollu nteress li jhallas. Ghalhekk jirrizulta li s-surroga saret b'mod generali bis-sahha tal-ligi wkoll.

12. Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost, huwa evidenti li l-kontestazzjoni tal-konvenuti ghas-surroga maghmula minn Pierre u Anna konjugi Grech favur l-atturi odjerni m'ghandha ebda fundament legali. Il-fatt li l-atturi odjerni kienu konsidrati bhala debituri fil-kawza li t-terzi kredituri kienu intavolaw kawza kontra l-partijiet fil-proceduri odjerni bl-ebda mod ma hija ta' ostaklu ghas-surroga li saret favur l-atturi. Anzi tali cirkostanza hija espressament prevista mill-Artikolu 1166(c) tal-Kodici Civili.

13. Konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

*Il-Mertu*

14. Permezz tat-tielet eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jikkontendu li huma ma ghandhom ihallsu xejn mill-ammont pretiz u dan peress illi huma thallsu dak li kellu jithallas lilhom ghax-xoghol minnhom ezegwit.

15. Mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenuti Christian Pisani u Emmanuel Pisani kienu gew inkarigati minn Pierre George u Anna konjugi Grech sabiex jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni fil-propjeta' tal-konjugi Grech gewwa H'Attard. Dan l-inkarigu inghata lill-konvenuti permezz ta' skrittura datata 8 ta' Novembru 1999 u li fiha gie *inter alia* maqbul li l-hlas lill-konvenuti kellu jsir mill-konjugi Grech ghab-bazi ta' kontijiet mahruga mill-attur wara l-kejl ta' kull sular imsaqqaf.[9] Jirrizulta li sar kejl mill-attur meta tlesta l-livell sotterran u kejl iehor meta tlesta l-livell terran. Ghab-bazi ta' dan l-kejl, l-attur hareg zewg kontijiet liema kontijiet gew imhallsa mill-konjugi Grech. Wara li saru dawn il-hlasijiet qam dizgwid bejn il-konjugi Grech u l-attur, fejn wahda mill-kwistjonijiet kienet tirrigwarda l-ammont ta' dawn il-kontijiet. Ghalhekk il-konjugi Grech kienu inkarigaw lill-perit Philip Azzopardi li wara li ghamel kejl mill-gdid kien ikkonkluda li l-konjugi Grech kienu ghamlu hlasijiet zejda lill-konvenuti. Dawn l-

[9] Ara l-ftehim data 8 ta' Novembru 1999 a *fol.* 30 tal-process.

allegati hlasijiet zejda kienu jifformaw parti mit-talbiet maghmula mill-konjugi Grech fil-kawza li huma intavolaw kontra l-partijiet kollha fil-kawza odjerna. Dawn it-talbiet gew sussegwentement ceduti wara li l-konjugi Grech kienu thallsu mill-atturi l-ammont minnhom pretiz, u dan kif jirrizulta mill-iskrittura datata 15 ta' Dicembru 2004.

16. L-attur xehed illi wara li kienet giet intavolata l-kawza kontrih u kontra l-konvenuti l-ohra, kien induna li kien hemm zball fil-kont li huwa kien hareg relattiv ghal-livell sotterran u dan peress li l-istess attur jammetti li hu kien applika "*rata hazina fil-hitan, u allura gew maghduda darbtejn.*" Spjega li wara trattattivi bejnu u l-konjugi Grech kien intlahaq ftehim dwar dan l-izball, it-taxxi u l-hlasijiet maghmula mill-konjugi Grech lill-perit Philip Azzopardi ghas-servizzi professjonali tieghu, u kien ghalhekk li l-atturi hallsu lill-konjugi Grech is-somma ta' Lm3,850.[10]

17. Da parti taghhom, il-konvenuti xehdu li huma dejjem segwew l-istruzzjonijiet tal-attur fil-binja li gew inkarigati biex jibnu. Qalu li huma qatt ma accettaw li saru zbalji fil-kontijiet mahruga mill-attur u li huma qatt ma kienu parti mit-trattattivi li wasslu ghall-iffirmar tal-iskrittura datata 15 ta' Dicembru 2004.[11] Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, il-konvenuti jargumentaw ukoll li l-perit Philip Azzopardi ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk l-atturi naqsu milli jissodisfaw l-oneru tal-prova li kien jinkombi fuqhom.[12]

18. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jippreskrivi illi "*Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*" L-Artikolu 562 imbaghad jippreskrivi illi "*Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Kien ghalhekk jispetta lill-atturi li jipprovaw sodisfacentement sal-grad mehtieg fil-kamp civili illi l-hlas maghmul minnhom lill-konjugi Grech kien jirraprezenta hlas zejjed li l-istess konjugi Grech kienu ghamlu lill-konvenuti. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li ghad-differenza ta' dak rikjest fi procediment kriminali, il-grad ta' prova fil-procediment civili irid ikun tali li jikkonvinci lill-gudikant fuq bazi ta' probabbilita li l-pretensjoni tal-parti attrici tirrizulta mill-atti.

[10] Ara l-affidavit tal-attur a *fol.* 80 tal-process.
[11] Ara l-affidavit a' Emanuel Pisani a *fol.* 161 tal-proces u l-affidavit ta' Christian Pisani a *fol.* 164 tal-process.
[12] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti a *fol.* 186 tal-process.

19. F'dan il-kaz, huwa minnu li kif jissottomettu l-konvenuti l-perit Philip Azzopardi ma tressaqx bhala xhud f'dawn il-proceduri. Madankollu il-Qorti tosserva li kienu l-konvenuti li permezz ta' nota prezentata minnhom stess esebew fl-atti ta' din il-kawza kopja ta' zewg dokumenti intitolati *measurments of works* u *comparative analysis between bill of Perit Grech and bill of Perit Azzopardi* rilaxxati mill-istess perit Philip Azzopardi.[13] Id-dokument esebit mill-attur a fol. 56 tal-process, huwa identiku ghad-dokument *measurments of works* esebit mill-konvenuti. Fid-dawl ta' dan, jistona l-argument tal-konvenuti li dawn id-dokumenti ma gewx ikkonfermati mill-perit li rredigihom partikolarment meta wiehed iqis li kienu l-istess konvenuti li esebewhom. Jekk il-konvenuti kellhom xi riservi dwar l-awteniticita' ta' dawn id-dokumenti, huwa kellhom izommu lura milli jezebuhom jew inkella jindikaw r-riservi taghhom fin-nota li permezz taghha esebew l-istess dokumenti. Il-konvenuti dan ma ghamluhx u ghalhekk ma jistghux issa, fi stadju tat-trattazzjoni, jikkontestaw l-awtenticita' ta' dokumenti li esebew huma stess.

20. Aktar minn hekk, il-fatt li kien sar hlas zejjed da parti ta' Pierre George u Anna konjugi Grech ma tirrizultax biss mix-xhieda tal-attur u mid-dokumenti rilaxxati mill-perit Philip Azzopardi, izda dan il-fatt gie ikkonfermat mill-perit Godwin Abela mahtur mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza li l-konjugi Grech kienu intavolaw kontra l-partijiet fil-kawza odjerna. Fir-relazzjoni tieghu l-perit Abela kien ikkonkluda li fil-kontijiet mahruga mill-attur kien hemm zball li wassal ghal hlas zejjed ta' Lm2,036.56 fil-livell sotterran u Lm316.07 ghall-ewwel sular, li flimkien jaghmlu s-somma totali ta' Lm2,352.63. Il-perit Abela ikkonkluda wkoll li d-drittijiet professjonali tal-attur fuq din is-somma ukoll kellhom jithallsu lura lill-konjugi Grech.[14]

21. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-atturi irnexxielhom jippruvaw illi l-konjugi Grech kienu ghamlu hlas zejjed lill-konvenuti, u li l-atturi hallsu lill-konjugi Grech dan il-pagament ghab-bazi tal-iskrittura tal-15 ta' Dicembru 2004.

[13] Ara n-nota tal-konvenuti datata 5 ta' Dicembru 2005 a *fol.* 29 tal-process u d-dokumenti D u E annessi maghha rispettivament a *fol.* 39 u 47 tal-process.
[14] Ara r-relazzjoni tal-perit Godwin Abela a *fol.* 88 tal-process.

22. Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qeghdin jippretendu li jithallsu lura s-somma ta' Lm3,576. Fl-att promotur l-atturi indikaw li din is-somma tinkludi in kwantu ghal Lm2,980 bhala ammont zejjed imhallas lill-konvenuti mill-konjugi Grech u inkwantu ghal Lm596 bhala imghax fuq l-istess ammont. Fl-affidavit addizzjonali tieghu, l-attur jispjega id-diskrepanza bejn is-somma ta' Lm2,352.63 indikata mill-perit Godwin Abela u s-somma pretiza minnu u minn martu f'din il-kawza billi jghid li fil-kalkoli tieghu l-perit Abela eskluda is-segwenti somom, u cioe:

i. it-taxxa fuq il-valur mizjud bir-rata ta' 15%;
ii. is-somma ta' €1,075.31 li tirreferi ghal *basement* taht il-livell tal-qatran;
iii. is-somma ta' €1,402.19 bhala imghax bir-rata ta' 5% ghal erba snin imhallsa mill-atturi lill-konjugi Grech;
iv. is-somma ta' €563.71 li thallas il-perit Philip Azzopardi ghas-servizzi professjonali tieghu, u
v. is-somma ta' €69.42 li kienu thallsu lill-attur u li kellhom jigu rifuzi lura lill-konjugi Grech.

23. Il-Qorti tosserva li l-fatt li s-somma indikata mill-perit Godwin Abela ma tinkludix it-taxxa fuq il-valur mizjud gie ikkonfermat mill-istess perit Abela fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.[15] B'zieda ma' dan, mid-dokument immarkat bhala Dok A u anness mal-iskrittura tal-15 ta' Dicembru 2004 jirrizulta li l-atturi hallsu lill-konjugi Grech is-somma ta' Lm388.70 bhala VAT bir-rata ta' 15%.[16] Madankollu il-Qorti tosserva wkoll li f'dan id-dokument jirrizulta li s-*sum agreed paid in excess* giet indikata is-somma ta' Lm2,591.30 u mhux is-somma ta' Lm2,352.63 indikata mill-perit Godwin Abela. Ghalhekk il-Qorti ser tillimita l-ammont ta' VAT imhallas mill-atturi ikkalkolat bir-rata ta' 15% fuq is-somma ta' Lm2,352.63 u mhux fuq is-somma ta' Lm2,591.30, liema kalkolazzjoni tammonta ghal Lm352.89.

24. In oltre, il-Qorti ma tqisx li l-ammonti l-ohra pretizi mill-atturi huma dovuti mill-konvenuti. Mill-atti ma jirrizultax li l-atturi hallsu lill-konjugi Grech somma ulterjuri fl-ammont ta' €1,075.31 kif pretiz minnhom. Il-konvenuti lanqas ghandhom jigu

[15] Ara x-xhieda tal-Perit Godwin Abela a *fol.* 86 tal-process.
[16] Ara Dok A a *fol.* 7 tal-process.

kkundannati jhallsu s-somma ta' €563.71 imhallsa lill-perit Philip Azzopardi u dan peress li fuq ammissjoni tal-istess attur, il-hlas zejjed kien sar ghab-bazi ta' zball tieghu u ghalhekk il-htiega li l-konjugi Grech jinkargaw lill-perit Philip Azzopardi sabiex jaghmel kejl mill-gdid kienet dovuta ghal nuqqas tal-istess attur.

25. Il-Qorti ser tapplika l-istess konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda s-somma pretiza bhala imghax bir-rata ta' 5% ghal erba snin imhallsa mill-atturi lill-konjugi Grech. Fl-affidavit tieghu l-attur xehed li "*F'Mejju tas-sena 2003 hekk kif infethet il-kawza li ghadni kif semmejt, intbaht wahdi fejn kien hemm zball f'kont tal-basement tal-konjugi Grech minhabba li kont applikajt rata hazina fil-hitan, u allura gew maghduda darbtejn.*"[17] Ghalhekk jirrizulta li qabel din id-data, il-konvenuti ma setghu qatt ihallsu lill-konjugi Grech s-somma li eventwalment giet imhallsa lilhom mill-atturi, u dan peress li l-attur li kien ikkommetta l-izball kien ghadu lanqas intebah fejn kien sar l-izball. Mill-atti ma jirrizultax li wara din id-data l-atturi kienu interpellaw lill-konvenuti permezz ta' att gudizzjarju sabiex jersqu ghal hlas ta' tali somma, u ghaldaqstant din il-parti tat-talba attrici ser tigi michuda.

26. Naturalment lanqas jista' l-attur jippretendi li jithallas lura is-somma ta' €69.42 stante li dan kien hlas zejjed li rcieva l-attur stess u mhux il-konvenuti.

27. Konsegwentement, it-talba attrici ser tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' Lm2,352.63 indikata mill-perit Godwin Abela bhala hlas zejjed maghmul mill-konjugi Grech lill-konvenuti u wkoll ghas-somma ta' Lm352.89 bhala taxxa fuq il-valur mizjud bir-rata ta' 15% fuq tali somma. Dawn iz-zewg somom flimkien jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm2,705.52 ekwivalenti ghal €6,302.17.

28. Fl-avviz, l-atturi talbu ukoll l-imghax legali fuq l-ammont minnhom pretiz mill-15 ta' Dicembru 2004, cioe mid-data tal-iskrittura privata bejnhom u bejn Pierre George u Anna konjugi Grech. Pero, kif diga inghad, ma jirrizultax li wara li giet iffirmata din l-iskrittura, l-atturi interpellaw lill-konvenuti permezz ta' att gudizzjarju biex ihallsu l-ammont minnhom pretiz. Ghaldaqstant, fl-ahjar ipotesi ghall-atturi l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz.

[17] Ara l-affidavit tal-attur a *fol.* 80 tal-process.

29. Pero, skond l-insenjament kostanti tal-Qrati taghna, il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejha ma tkunx wahda ghall-hlas ta' ammont likwidu, cert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjoni fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirrizulta li tkun wahda valida b'mod li jkun car li d-debitur mhux biss ikun gustifikat li ma jhallasx dak li jkun gie intimat biex ihallas imma wkoll li jkun difficli jekk mhux impossibbli ghalih, li jkun jaf x'inhu minnu dovut minghajr ma ssir investigazzjoni gudizzjarja fil-kawza u sakemm din issir.

30. Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-kaz odjern kien impossibbli ghall-konvenuti li jkunu jafu l-ammont minnhom dovut minghajr investigazzjoni gudizzjarja. Huwa relevanti wkoll il-fatt li l-ammont likwidat minn din il-Qorti, huwa sostanzjalment inferjuri minn dak pretiz mill-atturi fl-avviz taghhom.[18] Konformement ma' dan l-insenjament, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**Konkluzjoni**

31. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghdha:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

2. Tilqa limitatament it-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitt elef, tlett mija u zewg Euro u sbatax-il centezmu (€6,302.17), bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tas-sentenza parzjali tal-5 ta' Novembru 2007, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti, solidalment bejniethom.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[18] Ara is-sentenzi **Anthony Buhagiar vs Edward Scerri** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 2001, u **Dr Simon Micallef Stafrace nominee vs James Gollcher et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001.